**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Baġits*

**2023/2220(BUI)**

1.2.2024

# EMENDI
# 1 - 282

**Abbozz ta’ rapport**
**Victor Negrescu**
(PE758.108v01-00)

Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III
(2023/2220(BUI))

AM_Com_NonLegOpinion

**Emenda 1**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"),*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima),*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)**


Magħquda fid-diversità

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Frar 2023 intitolata “Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti” (COM(2023)0062),*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta’ Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”) u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 tal-Unjoni (COM(2023)335);*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Francisco Guerreiro**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rapport*** |

| | |
|---|---|
| | ***speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tisħin globali ta' 1,5 °C, ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, u r-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-proposta tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)161);*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi*** |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| | *Ekosistemiċi tan-Nazzjonijiet Uniti,* |

Or. en

**Emenda 8**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *–* ***wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2023 bit-titolu "Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 – Inwettqu llum u nħejju għal għada" (COM(2023)638),*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *–* ***wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni" 2021,*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rapport ta' Marzu 2023 tal-Bank Dinji, tal-Gvern tal-Ukrajna, il-Kummissjoni u n-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Ukraine Rapid Damage and Needs Assessment" (Il-Valutazzjoni Rapida tad-Danni u l-Ħtiġijiet tal-Ukrajna) (RDNA2),*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-obbligi tal-UE taħt il-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal,*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17f (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 21) li saret f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Baġit tal-UE ***ffukat fuq in-nies*** għall-2025: Investimenti mfasslin biex itejbu ħajjet in-nies | ***Prijoritajiet għall-***baġit tal-UE għall-2025: Investimenti mfasslin biex itejbu ***l-iżvilupp sostenibbli u*** ħajjet in-nies |

Or. en

**Emenda 17**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Baġit tal-UE ***ffukat fuq in-nies*** għall-2025: ***Investimenti mfasslin biex itejbu*** ħajjet in-nies | Baġit tal-UE għall-2025 ***orjentat lejn l-investiment***: ***inżidu l-kompetittività tal-Unjoni biex intejbu*** ħajjet in-nies |

Or. en

**Emenda 18**
**Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta’ bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa’ strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta’ bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa’ strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; ***jisħaq, għalhekk, li*** |



Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| | ***l-baġit għall-2025 jenħtieġ li jevita li joħloq piżijiet għaċ-ċittadini, filwaqt li jrid jimmira li jkun aktar effiċjenti, trasparenti u bbażat fuq il-prestazzjoni li jipprovdi tnaqqis konkret fin-nefqa amministrattiva u jagħti użu effiċjenti u responsabbli tal-flus tal-kontribwenti; jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiġi evalwat kif xieraq liema fondi jistgħu jkunu ġestiti aħjar fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Francisco Guerreiro, Nicolae Ştefănuță**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies ***u ħadd ma jitħalla jibqa' lura permezz tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***; |

Or. en

**Emenda 20**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ***ta'*** |

| | |
|---|---|
| bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; | ***turbulenza*** ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust***, kompetittiv*** u ffukat fuq in-nies jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies ***u l-iżvilupp sostenibbli***; |

Or. en

**Emenda 21**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies ***jibqa'*** strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ***ċentrali*** fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies ***jibqa'*** strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni***, biex itejjeb il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE*** u fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies; |

Or. en

**Emenda 22**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies ***jibqa'*** strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust***, orjentat lejn il-futur*** u ffukat fuq in-nies ***jibqa'*** strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki ***u l-objettivi*** tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall- |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| għall-ħtiġijiet tan-nies; | ħtiġijiet ***dejjem akbar*** tan-nies; |

Or. en

**Emenda 23**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, ***baġit tal-UE affidabbli, robust u ffukat fuq in-nies jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-rispons għall-ħtiġijiet tan-nies***; | 1. Huwa konvint li, fi żminijiet ta' bidla istituzzjonali, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, ***it-tnaqqis tal-piż fiskali jibqa' kruċjali għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini***; |

Or. en

**Emenda 24**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Huwa konvint li,*** fi żminijiet ta' bidla ***istituzzjonali***, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, baġit tal-UE affidabbli, robust u ***ffukat fuq in-nies jibqa'*** strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali fir-***rispons għall-ħtiġijiet tan-nies***; | 1. Fi żminijiet ta' bidla ***ġeopolitika***, pressjoni finanzjarja u sfidi soċjetali, ***huwa imperattiv li*** baġit tal-UE affidabbli, robust u ***orjentat lejn l-investiment*** jibqa' strumentali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u ċentrali ***fit-twassil tal-prosperità u s-sigurtà lin-nies***; |

Or. en

**Emenda 25**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Itenni l-appoġġ bla waqfien tiegħu għall-Ukrajna u l-impenn tiegħu li jkompli l-isforzi baġitarji tal-UE li jipprovdi għajnuna lill-poplu tal-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni mmexxija mir-Russja, kif ukoll li jippermetti għajnuna kontinwa lill-Ukrajna fit-triq tagħha lejn is-sħubija mal-UE; fl-istess ħin itenni l-impenn tiegħu li jgħin itaffi l-effetti negattivi tal-gwerra kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Moritz Körner, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar fil-ħtieġa għal baġit annwali flessibbli u reattiv, li jiżgura l-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal emerġenzi u kriżijiet mhux previsti;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1b. Jinsab imħasseb ħafna bl-impatti*** |

***kbar tal-kriżi tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità fl-Ewropa u globalment kif ukoll bl-urġenza dejjem tikber biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi b'mod partikolari peress li s-sena 2023 tkejlet bħala l-aktar sena sħuna tal-pjaneta li qatt ġiet irreġistrata; jistenna li l-baġit tal-2025 jikkatalizza t-tranżizzjoni ġusta b'mod partikolari miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u jwaqqaf u jreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità;***

Or. en

**Emenda 28**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva; | 2. Ifakkar fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; ***ifakkar madankollu li l-Parlament elett ġdid għandu jsib ruħu komdu bil-Linji Gwida stabbiliti mill-Membri li joħorġu;*** huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva; |

Or. en

**Emenda 29**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. ***Ifakkar*** fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, ***li*** qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; ***huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva;*** | 2. ***Jenfasizza*** ċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025 li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; |

Or. en

**Emenda 30**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Ifakkar fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva; | 2. Ifakkar fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali meta l-Parlament u l-Kummissjoni se jkollhom jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura; huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva ***u li jirrispettaw bis-sħiħ lill-IIA***; |

Or. en

**Emenda 31**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**



Magħquda fid-diversità

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Ifakkar fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-proċedura baġitarja 2025, li qed isseħħ f'mument ta' tensjonijiet u inċertezzi internazzjonali għoljin, u f'sena elettorali, meta aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja se tkun qed tivvota fl-elezzjonijiet, inkluża l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew, li se tkun qabel it-tranżizzjoni tal-leġiżlatura mmexxija mill-Parlament u l-Kummissjoni; huwa konxju bis-sħiħ tar-restrizzjonijiet severi iżda inevitabbli tal-kalendarju u jistieden lill-atturi kollha jqisuhom kif xieraq b'mentalità kostruttiva;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Jens Geier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Ifakkar li r-rwol tal-presidenza tal-kunsill huwa li taġixxi bħala sensar onest u li ssib kompromess kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet; iwissi lill-presidenza tal-kunsill Ungeriż li għandha tieħu l-kariga fit-tieni nofs tal-2024 biex toqgħod lura milli tuża dan ir-rwol biex timblokka t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE jew taġixxi biss fl-interess tagħha, notevolment fir-rigward tal-ftehim dwar il-baġit 2025;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023***; fl-istess ħin jieħu nota tal-pożizzjoni dwar ir-reviżjoni tal-QFP kif stabbilit fid-dokument ippubblikat mill-President tal-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2023 u appoġġjat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat u Gvernijiet; ifakkar li raġuni ewlenija għar-reviżjoni dejjem kienet li tippermetti lill-UE tirrispondi għall-kriżijiet u għalhekk huwa mħasseb li ftehim ibbażat fuq l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ikun nieqes mill-flessibbiltà u l-marġini meħtieġa u ma jkunx jissodisfa dan ir-raġunar; jinsab imħasseb barra minn hekk, li abbażi tal-abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali jammontaw biss għal 1,02 % tal-ING u l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali jammontaw għal 1,01 % biss tal-ING; ifakkar li, oriġinarjament, l-approprjazzjonijiet ta' pagament fil-QFP attwali kienu ppjanati li jammontaw għal 1,10 % tal-ING***; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, ***b'mod partikolari l-ħlas lura tal-EURI,*** u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; |

Or. en

**Emenda 34**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs, Valentino Grant**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP***, għalhekk jitlob analiżi bir-reqqa tan-nefqa u l-identifikazzjoni ta' ffrankar possibbli fil-baġit tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 35**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Moritz Körner, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; ***Għalhekk jistieden lill-Kunsill biex isib qbil dwar ir-reviżjoni tal-QFP b'mod urġenti;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; ***jinnota***, għalhekk, ***li*** għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ***ċertezza*** dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, ***u*** huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih ***ħafna*** għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; ***jiddispjaċih għall-fatt li l-Ungerija mblukkat il-proċess bla bżonn***, għalhekk, ***il-Parlament*** irid jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ***pedamenti*** dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, ***filwaqt li*** huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; |

Or. en

**Emenda 37**
**Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. ***Jinnota*** l-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja ***b'aktar flessibbiltà u kontabbiltà meta mqabbel mas-snin pre1edenti,*** fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; |

Or. en

**Emenda 38**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ***ħafna*** tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu jagħti bidu għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju tal-marġnijiet ***sfortunatament*** stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; |

Or. en

**Emenda 39**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiddispjaċih ***għall-fatt*** li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota**,** għalhekk, li għandu ***jagħti bidu*** għall-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u**,** f'xi każijiet**,** negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; | 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) qabel tmiem l-2023; jinnota, għalhekk, li għandu ***jniedi*** l-proċedura baġitarja fin-nuqqas ta' ċertezza dwar diversi elementi kruċjali fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2025, u huwa konxju ħafna tal-marġnijiet stretti ħafna u, f'xi każijiet, negattivi taħt il-limiti massimi tal-QFP; |

Or. en

**Emenda 40**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni japplikaw b'mod sħiħ ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jisħaq li l-fondi ma jistgħux jitħallsu jekk l-Istati Membri ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti kollha; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura b'urġenza li l-fondi sospiżi tal-UE jaslu għand iċ-ċittadini, in-negozji, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u għand kwalunkwe parti kkonċernata oħra rilevanti permezz ta' gvernijiet lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, anki jekk il-gvern ma jikkoperax fi ħdan il-mekkaniżmu tal-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jiddispjaċih li l-proposta attwali għal kaxxa ta' negozjar fil-Kunsill se tnaqqas b'mod sinifikanti l-flessibbiltà u l-kapaċità tal-baġit li jirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti u ċirkostanzi mhux previsti; jiddispjaċih b'mod speċifiku li l-proposta attwali għal kaxxa ta' negozjar se tnaqqas ukoll direttament l-infiq għall-*** |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| | ***programmi prijoritarji, se tnaqqas indirettament l-infiq għal programmi ewlenin jew se toħloq theddida sinifikanti għall-finanzjament tagħhom u b'hekk taffettwa l-kapaċità tal-Unjoni li twettaq l-objettivi ewlenin u tagħmel ħsara lill-benefiċjarji; jisħaq li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex twassal għat-tnaqqis tal-programmi tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jirrimarka li l-isfida tat-tkabbir futur tal-UE ma tistax tintlaħaq mingħajr ma jiżdied il-baġit tal-UE u b'riżorsi proprji addizzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Jissottolinja li l-ħlas lura tal-*** kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru ***(EURI)huwa obbligu għall-UE***; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament | 4. ***Ifakkar li fl-2020 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħa d-deċiżjoni li jistabbilixxi*** l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea ***u li jissellef fis-swieq finanzjarji bil-konsegwenzi kollha li dan jista' jinvolvi; ifakkar kemm li l-ħlas lura tad-dejn huwa nfiq mhux diskrezzjonali kif ukoll il-ftehim politiku laħaq fl-2020 jipprevedi li ma jitnaqqsux il-programmi;*** |

imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati ***xi*** marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi;

***itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni stabbli u prevedibbli għall-ħlas lura tal-***ispejjeż tas-self ***tal-NGEU lil hinn mil-limiti massimi; huwa tal-fehma li s-soluzzjoni mressqa fl-abbozz ta' konklużjonijiet ma toqgħodx konformi mad-deċiżjonijiet meħuda fl-2020 u tista' tirriskja li tagħti sinjali negattivi tas-suq u/jew tnaqqis fil-qtugħ fi programmi ewlenin li jagħtu riżultati tanġibbli fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni u li għal ħafna huma l-wiċċ tanġibbli tal-Unjoni Ewropea***; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati l-marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; ***jiddeplora li informazzjoni affidabbli dwar l-estimi tal-ħtiġijiet tal-linja tal-EURI tasal tard ħafna fil-proċedura baġitarja annwali, li taffettwa l-proċess demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtorità baġitarja tkun informata bis-sħiħ fir-rigward tal-estimi tal-ispejjeż tal-EURI u taġġorna kontinwament l-istima matul il-proċedura baġitarja annwali u tiżgura trasparenza sħiħa f'dan ir-rigward;***

Or. en

**Emenda 44**
**Dimitrios Papadimoulis**

f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet ***kollha*** tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; ***ifakkar li skont il-Ftehima Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 (IIA), il-ħlas lura tal-EURI jenħtieġ li ma twassalx għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment taħt il-QFP; jiddispjaċih li l-mekkaniżmu ta' kaskata nnegozjat fil-Kunsill imur kontra din id-dispożizzjoni tal-IIA;*** jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; |

Or. en

**Emenda 45**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***itenni l-pożizzjoni tiegħu li*** l-kostijiet ***tat-teħid b'self tal-Istrument EURI*** jmisshom tqiegħdu fi ***strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi*** tal-QFP***, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju*** baġitarju ***fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku***; ***jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi;*** | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***ifakkar li*** l-ispejjeż ***ta' finanzjament tal-EURI*** kellhom jitpoġġew f'***faċilità speċifika tal-EURI fi ħdan il-QFP biex tinżamm l-unità*** baġitarja ***u t-trasparenza***; |

Or. en

**Emenda 46**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni |

| | |
|---|---|
| tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; | tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; ***filwaqt li jirrikonoxxi l-karattru distintiv tal-EURI, jiddispjaċih dwar il-proliferazzjoni ta' fondi ffinanzjati bi dħul assenjat estern u jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm baġit tal-UE komprensiv adegwat għall-ħtiġijiet tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***itenni l-pożizzjoni*** tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI ***jmisshom*** tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***ifakkar li l-ispejjeż tar-rifinanzjament tal-EURI għall-2024-2027 bejn wieħed u ieħor irduppjaw meta mqabbla mal-previżjonijiet u l-ipprogrammar inizjali, u hija meħtieġa soluzzjoni strutturali għall-ħlas lura tal-EURI; jinsisti*** li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI ***li*** |

li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi;

tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi;

Or. en

**Emenda 48**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self ***tal-***Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***itenni*** l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali ***bla bżonn*** għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu ***legali*** għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)***,*** kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; ***ifakkar*** fil-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu ***bis-sħiħ*** fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; ***ifakkar li t-tliet Istituzzjonijiet qablu li l-infiq li jkopri l-ispejjeż ta' finanzjament ta' Next Generation EU għandu jkollu l-għan li ma jnaqqasx il-programmi u l-fondi tal-UE;*** jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali għan-nefqa jew |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| | id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; |

Or. en

**Emenda 49**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Moritz Körner, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; | 4. Jissottolinja li l-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) huwa obbligu għall-UE; jinnota li l-kostijiet tat-teħid b'self jiddependu fuq il-pass tal-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kif ukoll fuq il-fluttwazzjonijiet tas-suq fir-rendimenti tal-bonds u għalhekk huma intrinsikament imprevedibbli u volatili; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jmisshom tqiegħdu fi strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, bil-ħsieb li jiġu rkuprati xi marġni fl-Intestatura 2b u jiġi protett spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibbiltà u ta' Marġini Uniku; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP ma għandhiex tirriżulta f'arranġamenti rigward il-linja EURI li jikkawżaw ħsara kollaterali bla bżonn għan-nefqa jew id-disponibbiltajiet programmati fl-ambitu tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi; ***Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kunsill biex imexxi l-linja EURI lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP fil-kuntest tar-reviżjoni tal-QFP;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber ***b'mod modest ħafna*** (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (3,5 % fl-2024 u 2,4 % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra; | 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber ***aktar bil-mod milli kien ipproġettat inizjalment, b'pass modest ħafna*** (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (3,5 % fl-2024 u 2,4 % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit ***tal-UE*** li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra; ***ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li r-ribassi u mekkaniżmi oħra ta' korrezzjoni jenħtieġ li jiġu aboliti b'mod permanenti u li, sakemm jitneħħew b'mod permanenti, it-tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq id-DGN jenħtieġ li jkun soġġett għal deflatur fiss sa 2 % fis-sena;*** |
| [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. | [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. |

Or. en

**Emenda 51**
**Jens Geier**



Magħquda fid-diversità

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber b'mod modest ħafna (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (3,5 % fl-2024 u 2,4 % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra; | 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber b'mod modest ħafna (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (3,5 % fl-2024 u 2,4 % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza ***f'dan il-kuntest li r-ribassi nazzjonali huwa aġġustat għall-inflazzjoni; jenfasizza*** r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra; |
| [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. | [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. |

Or. en

**Emenda 52**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber b'mod modest ħafna | 5. Ifakkar li l-ekonomija Ewropea hija mbassra[19] li tikber b'mod modest ħafna |

| | |
|---|---|
| (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025)***,*** filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (***3,5*** % fl-2024 u ***2,4*** % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza ***r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), bħala riżultat tal-effett ikkombinat*** tal-inflazzjoni***, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra***; | (1,3 % fl-2024 u 1,7 % fl-2025), filwaqt li l-inflazzjoni mistennija tibqa' sostanzjalment ogħla mit-2 % li jintuża bħala deflatur awtomatiku għall-QFP (***3,5*** % fl-2024 u ***2,4*** % fl-2025); jirrikonoxxi li dan ifisser tnaqqis kontinwu fil-kapaċità tal-akkwist għal baġit li jrid jibqa' bbilanċjat u li huwa limitat b'ammonti assoluti; jenfasizza l-***impatt fit-tul*** tal-inflazzjoni ***fuq is-sostenibbiltà ekonomika, iżda jqis li għandu jkun possibbli li jerġa' jkun hemm stat ta' dixxiplina ekonomika fit-tul***; |
| __________________ | __________________ |
| [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. | [19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year" (Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2023: Irkupru modest quddiemna wara sena diffiċli), 2023. |

Or. en

**Emenda 53**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jiddeplora l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li | 6. Jiddeplora l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li |


Magħquda fid-diversità

jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika;

jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; ***jissottolinja li riżorsi proprji ġodda ġenwini huma wkoll ir-risposta meħtieġa fi żminijiet ta' restrizzjonijiet baġitarji sabiex jiġu evitati l-impatti distruttivi fuq il-koeżjoni soċjali fl-Ewropa marbuta mar-riskju tar-ritorn tal-politika ta' awsterità u biex ikunu jistgħu jsiru l-investimenti;***

Or. en

**Emenda 54**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jiddeplora l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; | 6. Jiddeplora l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin***, inkluża l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji madwar l-UE kollha***, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; ***iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi biex tidentifika riżorsi proprji*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġodda u preferibbilment ġenwini u sorsi oħra ta' dħul għall-baġit tal-UE lil hinn mill-FII;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jiddeplora l-pass kajman tal-progress ***fil-***Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni**,** li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin**,** skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali**,** isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà**,** li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; | 6. ***Jenfasizza r-rata baxxa ħafna ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING f'dawn l-aħħar snin (0,46 % fl-abbozz ta' baġit 2024), li tirriżulta mill-effett ikkombinat tal-inflazzjoni, il-livelli baxxi ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u introjtu ogħla minn xi riżorsi proprji oħra;*** jiddeplora l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-Sistema tar-Riżorsi Proprji; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin, skont il-Pjan Direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika; |

Or. en

**Emenda 56**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jiddeplora*** l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar ***fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti emendati tal-Kummissjoni, li tapprova*** l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda***; iqis li l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul ġenwin, skont il-pjan direzzjonali fil-ftehim interistituzzjonali, isservi biex tkopri l-piż baġitarju addizzjonali li jirriżulta mis-self tan-NextGenerationEU u b'hekk tipproteġi l-marġnijiet u l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, li min-naħa tagħhom jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji dwar ħtiġijiet mhux previsti kif ukoll inizjattivi ġodda ta' prospettiva strateġika***; | 6. ***Jinnota*** l-pass kajman tal-progress fil-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; ifakkar ***li, fi żmien ta' problemi ekonomiċi u inflazzjoni rampanti, iċ-ċittadini ma għandhomx ikunu soġġetti għal pressjoni addizzjonali permezz ta' taxxi ġodda; jitlob li*** l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ***titwaqqaf għall-inqas sakemm is-sitwazzjoni ekonomika tkun stabbilizzata***; |

Or. en

**Emenda 57**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jissottolinja li l-baġit 2025 irid ikun allinjat mal-objettivi tal-politika u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħidma kontinwa biex jintlaħqu l-objettivi ta' integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità għall-infiq tal-baġit tal-Unjoni stabbiliti fil-FII, bħala parti mill-għan usa' li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha skont il-FII li tevalwa regolarment il-progress lejn l-objettivi ta' integrazzjoni tal-klima; jistieden lill-*** |

***Kummissjoni tagħti l-attenzjoni dovuta lill-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infiq fuq il-klima fil-baġit 2014-2020 u lill-ħtieġa li n-nefqa relatata mal-klima u l-bijodiversità tiġi segwita b'mod preċiż għall-programmi u l-azzjonijiet kollha; jilqa' r-rapport tal-impatt tal-bonds NGEU ppubblikat f'Diċembru 2023 u jistenna li l-Kummissjoni tippubblika analiżi simili għal nefqa simili ibbaġitjata diġà fil-QFP attwali flimkien mal-abbozz tal-baġit u li taħdem fuq metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-impatt għal programmi oħra taħt il-QFP;***

Or. en

**Emenda 58**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont liema l-objettiv ta' 10 % għall-infiq relatat mal-bijodiversità fl-2026 u l-2027 x'aktarx mhux se jintlaħaq u dwar in-nuqqas ta' perkors ċar lejn l-ilħuq tal-objettivi miftiehma; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li jsiru aktar sforzi fil-baġit 2025 biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' nfiq għall-bijodiversità għall-2026 u l-2027; jitlob li jiġi ppreżentat pjan dettaljat dwar azzjonijiet korrettivi flimkien mal-abbozz tal-baġit; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjament għall-klima u l-bijodiversità u r-rispett tal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-baġit kollu wkoll fir-rigward tal-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-*** |



Magħquda fid-diversità

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***kontroll tat-tniġġis; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-baġit kollu u l-programmi kollha u tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun meħtieġ; ifakkar f'dan ir-rigward fid-dispożizzjonijiet rilevanti fir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Itenni li l-programmi, il-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati b'mod li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-twettiq tal-objettivi tagħhom; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Kummissjoni, f'konformità mal-FII, biex issegwi l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari permezz ta' valutazzjoni tal-impatt ex post fuq il-ġeneru u rappurtar dwar il-volumi; jistieden lill-Kummissjoni tapplika din il-metodoloġija għall-programmi kollha tal-QFP sabiex turi r-riżultati għall-baġit tal-2025 akkumpanjati mill-ġbir sistematiku kif ukoll mill-analiżi ex-post sal-2023 flimkien mal-abbozz tal-estimi, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tad-data diżaggregata skont il-ġeneru;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; ***ifakkar b'mod partikolari li l-Kummissjoni tistma li hemm bżonn ta' iktar minn EUR 450 biljun ta' investiment annwali addizzjonali għad-deċennju li jmiss biex iżomm l-Unjoni fuq il-mogħdija għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; żieda fl-investiment pubbliku hija għalhekk meħtieġa b'mod urġenti; ifakkar li filwaqt li xi Stati Membri għandhom problemi biex jimmobilizzaw l-investiment pubbliku għal raġunijiet ekonomiċi, oħrajn għandhom problemi biex jagħmlu dan għal raġunijiet legali, għalhekk huwa tal-opinjoni li l-investiment b'mod konġunt permezz tal-livell tal-UE, biex b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali u jiġi żgurat it-twassil tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE ; jappella biex Faċilità għal Tranżizzjoni Ekoloġika/RRF 2.0 ibbażata fuq dejn reċiproku u self konġunt fuq skala mal-ħtiġijiet tal-investiment addizzjonali;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 61**
**Monika Hohlmeier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ***ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom;*** | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; |

Or. en

**Emenda 62**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih ***għall-fatt*** li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ***ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom;*** | 7. Jiddispjaċih li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata ***serjament*** minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; |

Or. en

**Emenda 63**
**Jens Geier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; ***ifakkar fil-pożizzjoni fit-tul tal-Parlament li jeħtieġ li jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda minn riżorsi ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs, Valentino Grant**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Jiddispjaċih*** għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li ***huwa meħtieġ li jiġi stabbilit*** strument ***speċjali*** permanenti addizzjonali ***barra l-***limiti massimi tal-QFP ***sabiex*** il-baġit tal-UE ***jkun jista'*** jadatta ruħu aħjar ***u jirreaġixxi malajr*** għall-kriżijiet u għall-***effetti*** soċjali u ekonomiċi tagħhom; | 7. ***Jinnota*** l-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li ***jista' jiġi stabbilit*** strument ***speċifiku*** permanenti addizzjonali fil-limiti massimi attwali tal-QFP ***biex jippermetti*** lill-baġit tal-UE jadatta aħjar għall-kriżijiet ***u jirreaġixxi malajr għall-konsegwenzi*** soċjali u ekonomiċi tagħhom; ***jitlob li jinstab iffrankar fil-baġit biex jiġi ffinanzjat l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istrument il-ġdid;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni ***sa fejn ikun possibbli***; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni ***meta jitqiesu l-aspettattivi akbar miċ-ċittadini tal-UE dwar ir-rispons tal-UE f'dawn l-aħħar ftit snin***; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; |

Or. en

**Emenda 66**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit strument speċjali | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata ***b'mod detrimentali*** minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit |

| | |
|---|---|
| permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; | strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom ***u jiffinanzja l-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 67**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li **<u>jiġi stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali</u>** barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; | 7. Jiddispjaċih għall-fatt li l-kapaċità ta' reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti jew li jitnedew inizjattivi ġodda hija affettwata minn skarsezzi baġitarji u biħsiebu jirrettifika din is-sitwazzjoni sa fejn ikun possibbli; ifakkar li huwa meħtieġ li ***jinstabu miżuri*** barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; |

Or. en

**Emenda 68**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' spazju fiskali għall-finanzjament ta' investimenti kritiċi u jitlob li tiġi stabbilita faċilità fiskali komuni fil-livell tal-UE*** |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| | ***biex jiġu indirizzati lakuni kritiċi fl-investiment u għall-finanzjament tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern li normalment tirriżulta minn żieda eċċessiva fil-flessibbiltà tal-għajnuna mill-Istat;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu***,*** ***timminimizza l-impatti negattivi fuq*** il-programmi emblematiċi ***u timmassimizza*** l-benefiċċji ***konkreti*** għaċ-ċittadini kollha; | 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu ***inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi, l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija nadifa, it-titjib tal-kapaċitajiet tas-sigurtà u d-difiża tagħha kif ukoll il-kontribut għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali filwaqt li jissalvagwardjaw*** il-programmi emblematiċi ***u jimmassimizzaw il-***benefiċċji ***sekondarji tat-tkabbir ekonomiku*** għaċ-ċittadini kollha; |

Or. en

**Emenda 70**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu, timminimizza l-impatti negattivi fuq il-programmi ***emblematiċi*** u timmassimizza l-benefiċċji konkreti għaċ-***ċittadini*** kollha; | 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu, timminimizza l-impatti negattivi fuq il-programmi ***tal-UE*** u timmassimizza l-benefiċċji konkreti ***għan-nies*** kollha ***fl-UE***; |

Or. en

**Emenda 71**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu, timminimizza l-impatti negattivi fuq il-programmi emblematiċi u timmassimizza l-benefiċċji konkreti ***għaċ-ċittadini kollha***; | 8. Huwa determinat, minkejja dawn il-limitazzjonijiet numerużi, li jżomm pożizzjoni koerenti u unifikata li tirrifletti l-prijoritajiet politiċi u l-interessi istituzzjonali stabbiliti tiegħu, timminimizza l-impatti negattivi fuq il-programmi emblematiċi u timmassimizza l-benefiċċji konkreti ***għan-nies***; |

Or. en

**Emenda 72**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jisħaq li l-baġit u l-fondi tal-UE jeħtieġ li jaslu għand iċ-ċittadini tal-UE u*** |



Magħquda fid-diversità

*l-SMEs; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u li titnaqqas il-burokrazija; jappella għall-ħolqien ta' Portal tal-UE uniku u komprensiv, fejn jintwerew il-fondi kollha tal-UE taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża, sabiex titjieb it-trasparenza u l-implimentazzjoni tal-baġit;*

Or. en

**Emenda 73**
**Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jisħaq li l-prijoritajiet jew il-kompiti politiċi ġodda jridu jkunu akkumpanjati minn użu effiċjenti tar-riżorsi; jistaqsi jekk il-prijoritajiet jew il-kompiti politiċi tal-aġenziji deċentralizzati jistgħux jitwettqu aħjar mid-Direttorati Ġenerali eżistenti tal-Kummissjoni jew mill-Istati Membri sabiex tiġi prevenuta d-duplikazzjoni tar-rwoli u l-kostijiet u anke sabiex titjieb it-trasparenza;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Baġit ekwu, ġust u inkluživ li joffri opportunitajiet aħjar liċ-ċittadini kollha tal-UE | Baġit ekwu, ġust u inkluživ li joffri opportunitajiet aħjar liċ-ċittadini kollha tal-UE ***u jiżgura l-kompetittività ekonomika*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Baġit ekwu, ġust u inkluživ li joffri opportunitajiet aħjar liċ-ċittadini kollha tal-UE*** | ***Ekonomija li topera għan-nies*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Baġit ekwu, ġust u inkluživ li joffri opportunitajiet aħjar ***liċ-ċittadini kollha tal-UE*** | Baġit ekwu, ġust u inkluživ li joffri opportunitajiet aħjar ***lin-nies*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-*** | ***imħassar*** |

***leġittimità tagħha, għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti;***

Or. en

**Emenda 78**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE***, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-leġittimità tagħha,*** għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà ***pertinenti***; | 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE ***u jfakkar fir-rwol ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u aċċessibbli f'dan ir-rigward***; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti; ***ifakkar fil-ħtieġa li tingħata spinta lill-kapaċità ta' investiment tal-baġit tal-UE għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u b'mod partikolari fl-oqsma b'impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-għoli tal-ħajja għad-djar inkluż bħat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini u l-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-leġittimità tagħha, għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti; | 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE ***u r-reġjuni tagħhom; jissottolinja li ż-żieda sinifikanti fl-għoli tal-ħajja ħadet effett akbar milli mistenni inizjalment, li rriżultat fi kriżi estensiva tal-għoli tal-ħajja għal miljuni ta' nies, prinċipalment minħabba l-inflazzjoni u l-kriżi tal-enerġija***; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-leġittimità tagħha, għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza ***l-ġustizzja,*** l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti; |

Or. en

**Emenda 80**
**Monika Hohlmeier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE***; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-leġittimità tagħha, għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha***; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà | 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti; |


Magħquda fid-diversità

pertinenti;

Or. en

**Emenda 81**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE***, bħala karatteristika neċessarja għall-aċċettabbiltà u l-leġittimità tagħha,*** għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti; | 9. Josserva li l-għajxien affordabbli u l-koeżjoni soċjetali għadhom sfidi persistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE; iqis, għalhekk, li d-dimensjoni soċjali tal-infiq tal-UE għandha ssir kriterju trażversali prominenti għall-oqsma ta' politika kollha; jixtieq jenfasizza l-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament kull fejn ikun xieraq u f'konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti; |

Or. en

**Emenda 82**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa fuq kollox baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ, kapaċi jappoġġja t-tfassil ta' politiki, jikkumplementa l-politiki nazzjonali u, għalhekk, jindirizza l-ħtiġijiet ***taċ-ċittadini*** kollha tal-UE; jistenna li l-isforzi kontinwi biex jintużaw u jintefqu l-fondi riċevuti taħt l-RFF u l-fondi ta' | 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa fuq kollox baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ, kapaċi jappoġġja t-tfassil ta' politiki ***u jagħti spinta lill-objettivi tal-Unjoni***, jikkumplementa l-politiki nazzjonali u, għalhekk, jindirizza l-ħtiġijiet ***tan-nies*** kollha ***fl-***UE; jistenna li l-isforzi kontinwi biex jintużaw u jintefqu l-fondi |

| | |
|---|---|
| koeżjoni se jkunu ta' benefiċċju għall-Unjoni; jemmen li għandu jittieħed kull sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien; | riċevuti taħt l-RFF u l-fondi ta' koeżjoni se jkunu ta' benefiċċju għall-Unjoni; jemmen li għandu jittieħed kull sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien; ***ifakkar, fl-istess ħin, fl-obbligu li l-Istati Membri jikkonformaw bis-sħiħ mal-prinċipji orizzontali, il-kundizzjonijiet abilitanti u l-prekundizzjonijiet rilevanti kollha taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura infurzar robust tal-leġiżlazzjoni tal-UE mingħajr konċessjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa fuq kollox baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ, kapaċi jappoġġja t-tfassil ta' politiki, jikkumplementa l-politiki nazzjonali u***, għalhekk,*** jindirizza l-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha tal-UE; ***jistenna li l-isforzi kontinwi biex jintużaw u jintefqu l-fondi riċevuti taħt l-RFF*** u l-fondi ta' koeżjoni ***se jkunu ta' benefiċċju għall-***Unjoni; jemmen li għandu jittieħed ***kull*** sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien; | 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa fuq kollox baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ, kapaċi jappoġġja t-tfassil ta' politiki, jikkumplementa l-politiki nazzjonali u, għalhekk, jindirizza l-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha tal-UE; ***ifakkar fl-importanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*** u l-fondi ta' koeżjoni ***biex tiżdied ir-reżiljenza tal-***Unjoni ***u jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi tal-kriżijiet tal-passat u dawk li għaddejjin***; jemmen li ***għandhom jittieħdu l-isforzi kollha*** biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien; ***jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li tagħmel użu sħiħ mis-self tal-RRF mhux mitlub sabiex tappoġġja speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 84**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa ***fuq kollox*** baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ***, kapaċi jappoġġja t-tfassil ta' politiki***, jikkumplementa l-politiki nazzjonali u, ***għalhekk,*** jindirizza l-ħtiġijiet ***taċ-ċittadini kollha tal-UE***; jistenna li l-isforzi kontinwi biex jintużaw u jintefqu l-fondi riċevuti taħt l-RFF u l-fondi ta' koeżjoni se jkunu ta' benefiċċju għall-Unjoni; jemmen li għandu jittieħed kull sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien; | 10. Jissottolinja li l-baġit tal-UE huwa ***l-fergħa finanzjarja tal-UE biex timplimenta l-politiki tagħha u huwa primarjament*** baġit ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ, li jikkumplimenta l-politiki nazzjonali u li jwieġeb għall-ħtiġijiet ***tan-nies***; jistenna li l-isforzi kontinwi biex jintużaw u jintefqu l-fondi riċevuti taħt l-RFF u l-fondi ta' koeżjoni se jkunu ta' benefiċċju għall-Unjoni; jemmen li għandu jittieħed kull sforz biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE jintefqu b'mod effettiv u mingħajr aktar dewmien ***filwaqt li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiġi evitat ir-riskju jew ir-riskju potenzjali ta' kriżi tal-pagamenti***; |

Or. en

**Emenda 85**
**Francisco Guerreiro, Nicolae Ştefănuță**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Huwa determinat bis-sħiħ li juża l-baġit tal-UE biex jagħmel differenza tanġibbli u viżibbli ***għaċ-ċittadini*** u għall-ekonomija fis-suq uniku billi jappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jiġġieled il-qgħad, isaħħaħ il-kompetittività Ewropea, jappoġġja l-intrapriżi żgħar u ta' | 11. Huwa determinat bis-sħiħ li juża l-baġit tal-UE biex jagħmel differenza tanġibbli u viżibbli ***għan-nies*** u għall-ekonomija fis-suq uniku ***mingħajr ma jħalli lil ħadd lura u jilħaq l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku,*** billi jappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità***, b'mod partikolari*** |

| | |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili ***u*** jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili***, peress li qed niffaċċjaw numru dejjem akbar ta' diżastri naturali severi u distruttivi fl-Ewropa minħabba t-tibdil fil-klima, u peress li jipprovdi lill-UE b'viżibbiltà tant meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mudell dwar mobilizzazzjoni aktar mgħaġġla u aktar f'waqtha tal-Fond biex jiġi żgurat li l-appoġġ jista' jasal għand ir-reġjuni milquta fil-ħin,*** jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet |

| | |
|---|---|
| | konġunti ta’ intervent mediku u ta’ emerġenza; |

Or. en

**Emenda 114**
**Francisco Guerreiro**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f’każ ta’ emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta’ intervent mediku u ta’ emerġenza; | 16. ***Huwa mħasseb ħafna bl-għadd dejjem jikber ta’ avvenimenti estremi tat-temp u diżastri naturali fl-Ewropa marbuta mas-sitwazzjoni tat-tibdil fil-klima li qed tmur għall-agħar b’mod drammatiku u l-effett negattiv tagħha fuq in-nies, il-komunitajiet, in-negozji u l-ambjent;*** Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f’każ ta’ emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta’ intervent mediku u ta’ emerġenza ***kif ukoll biex jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jsiru disponibbli permezz tas-SEAR***; |

Or. en

**Emenda 115**
**Dimitrios Papadimoulis**
f’isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat ***biżżejjed*** finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella | 16. ***Jinsab allarmat bin-numru dejjem jikber ta’ nirien katastrofiċi, għargħar u diżastri naturali oħra madwar l-Ewropa;*** |

| | |
|---|---|
| għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; | jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament ***miżjud biżżejjed*** għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; |

Or. en

**Emenda 116**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili***, peress li l-ħtiġijiet tiegħu qed ikomplu jiżdiedu u se jkomplu jagħmlu hekk mat-tibdil fil-klima*** u jappella għal konsolidazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet għal reazzjoni f'każ ta' emerġenza tal-UE billi jissaħħu t-timijiet konġunti ta' intervent mediku u ta' emerġenza; |

Or. en

**Emenda 117**
**Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Meta jqis l-intensifikazzjoni tad-diżastri naturali u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp, u bħala riżultat iż-żieda fil-ħtiġijiet għar-restawr, jitlob li jiżdied il-baġit annwali massimu tal-Fond ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***Solidarjetà tal-UE, sabiex il-Fond jitqiegħed f'adegwatezza mal-intensifikazzjoni tad-diżastri naturali fi ħdan l-UE u jipprovdi appoġġ tanġibbli lill-Istati Membri affettwati minnu;*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jilqa' r-ritorn tal-qsim tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza f'żewġ mekkaniżmi li jkopru separatament id-diżastri naturali fl-UE u l-pajjiżi terzi biex jiġi evitat il-finanzjament ta' prijoritajiet kompetituri;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jitlob li jiġu diżakkoppjati l-allokazzjonijiet tal-Fond iddedikati lill-Istati Membri minn dawk iddedikati lill-pajjiżi mhux tal-UE, sabiex tiġi evitata l-kwistjoni morali tal-ħtieġa li jiġu prijoritizzati dawk jew l-oħrajn minħabba l-ammont limitat ta' riżorsi tal-Fond;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 120**
**Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas iż-żmien iddedikat għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-mobilizzazzjoni ta' dan il-Fond, sabiex l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' restawr malajr kemm jista' jkun, u konsegwentement titnaqqas il-kontinwazzjoni tal-firxa tal-ħsara.*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Francisco Guerreiro, Nicolae Ştefănuță**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' | 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom***; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu evitati n-nuqqasijiet ta' mediċini li ffaċċjaw xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fir-riċerka u l-iżvilupp biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi b'mod partikolari klassi ġdida ta' antimikrobiċi***; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati |

prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa;

Membri; ***jissottolinja l-ħtieġa li jsiru passi aktar konkreti fil-ksib tal-objettivi tal-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer;*** jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata**,** u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-aċċess għat-terapija f'uħud mill-Istati Membri fejn mhuwiex il-każ jew diffiċli ħafna minħabba l-ispejjeż għoljin u l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-istigma relatata mal-problemi tas-saħħa mentali u l-konsegwenzi ħorox għall-persuni li jbatu minħabba il-kundizzjonijiet abbużivi fuq ix-xogħol, bħal eżawriment;***

Or. en

**Emenda 122**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini ***mhux affordabbli*** jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri ***u*** jappella għall-***implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi*** u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar | 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa***, qasam ewlieni fl-awtonomija strateġika tal-Unjoni speċjalment wara li kellha kwistjonijiet ta' esperjenzi matul il-pandemija tal-Covid-19***; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li ***n-nuqqas*** ta' mediċini***, kif ukoll l-affordabbiltà tagħhom*** jirrappreżentaw ostaklu reali għat-trattament f'xi Stati Membri***;*** jitlob l-***introduzzjoni ta' standards minimi ta' kwalità tal-kura tas-saħħa biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal*** |



Magħquda fid-diversità

tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa;

***trattament mediku adegwat għaċ-ċittadini Ewropej kollha,*** u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; ***jirrikonoxxi li l-inugwaljanzi fis-saħħa jeħtieġ li jitnaqqsu biex tiġi pprovduta saħħa ġusta għan-nisa kollha, inkluż l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva, ifakkar li huwa essenzjali li s-saħħa tan-nisa tibqa' prijorità tal-politika u tar-riċerka;***

Or. en

**Emenda 123**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jissottolinja l-importanza ***tat-tisħiħ*** tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa***; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji*** tas-saħħa ***għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-***pazjenti ***li jaċċessawhom***; ***jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u*** jappella għall-***implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri***; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina | 17. Jissottolinja l-importanza li ***jiġi allokat finanzjament xieraq għall-attivitajiet stabbiliti fir-Regolament EU4Health, inklużi*** l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa***, l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar*** is-Saħħa ***u l-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer, speċjalment minħabba l-għadd akbar ta' pazjenti wara l-pandemija***; jappella għal ***baġit ambizzjuż ta' Cluster Health f'Orizzont Ewropa biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għall-kriżijiet tas-saħħa futuri, tgħin fit-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u ttejjeb is-saħħa fiżika u mentali tan-nies billi tagħmel il-kura tas-saħħa aktar affordabbli u aċċessibbli***; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l- |

personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa;

indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; ***jissottolinja l-importanza li l-mard tat-tfal jiġi indirizzat b'enfasi speċjali fuq mard rari; jappella f'dan ir-rigward għal koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE u akkwist konġunt ta' mediċini sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż;***

Or. en

**Emenda 124**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; ***jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament,*** u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; | 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa***, qasam ewlieni fl-awtonomija strateġika tal-Unjoni speċjalment wara li kienet esperjenzjat il-kwistjonijiet matul il-pandemija tal-Covid***; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; |

Or. en

**Emenda 125**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; | 17. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-prezz tal-mediċini u tat-teknoloġiji tas-saħħa għandu impatt kbir fuq il-kapaċità tal-pazjenti li jaċċessawhom; jisħaq li l-ispejjeż tal-mediċini mhux affordabbli ***kif ukoll in-nuqqas ta' mediċini*** jirrappreżentaw ostaklu veru għat-trattament f'xi Stati Membri u jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-mard kardjovaskulari (CVD) jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE; iqis li l-indirizzar tas-CVDs permezz ta' investiment f'azzjonijiet immirati lejn il-mediċina personalizzata u l-e-Saħħa huwa kruċjali peress li dan se jżid l-istandards ta' prevenzjoni u trattament, u jippermetti liċ-ċittadini kollha aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; |

Or. en

**Emenda 126**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li | 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet ***ukoll fil-perspettiva tas-sitwazzjoni f'reġjuni differenti tal-UE***; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent |

titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola;

u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola;

Or. en

**Emenda 128**
**Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; | 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, ***jappoġġja biżżejjed materjal u infrastruttura didattika,*** u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; |

Or. en

**Emenda 129**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; | 18. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-defiċit tal-ħiliet, il-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ u l-korrelazzjoni bejn il-ħtiġijiet tas-suq u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-futur, huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet***, speċjalment għall-promozzjoni ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali***; jisħaq li huwa meħtieġ aktar investiment biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; |

Or. en

**Emenda 130**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Ifakkar*** fil-ħtieġa li ***jiġu indirizzati d-defiċit*** tal-ħiliet, ***il-kwistjoni*** tal-eżodu ta' mħuħ u l-***korrelazzjoni bejn*** il-ħtiġijiet tas-suq ***u l-ħiliet; iqis li biex il-forza tax-xogħol tal-UE tibqa' kompetittiva fil-*** | 18. ***Jenfasizza*** l-ħtieġa ***li jittejbu l-mobbiltà u*** l-ħiliet tal-forza tax-xogħol***, filwaqt li jiġu indirizzati kemm l-isfida*** tal-eżodu tal-imħuħ kif ukoll ***l-allinjament tal-*** ħtiġijiet tas-suq ***ma' settijiet ta' ħiliet***, |


Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| ***futur**, **huwa meħtieġ li jiġu definiti oqsma ewlenin għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet;*** jisħaq li ***huwa meħtieġ aktar investiment*** biex jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ; ***jappella li titħaffef l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;*** ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; | jisħaq li ***biex titrawwem il-kompetittività futura, huwa essenzjali*** li jiġu mmodernizzati s-sistemi edukattivi tal-Unjoni, jinħolqu skemi ta' spinta tat-talent u jiġu inċentivati l-intraprendituri żgħażagħ ***billi jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi, u jappoġġjawhom mingħajr ir-restrizzjonijiet ta' regolamentazzjoni eċċessiva; ifakkar li d-definizzjoni ta' oqsma ewlenin għat-taħriġ u l-ħiliet mill-ġdid hija meħtieġa,*** ifakkar fl-importanza li jiġi stabbilit pjan edukattiv Ewropew b'riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġjati l-edukazzjoni ta' kwalità u t-taħriġ tal-għalliema, u biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; |

Or. en

**Emenda 131**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament ***fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u*** l-valuri***; jixtieq jara*** l-linji baġitarji rilevanti ***msaħħa*** sabiex jiġu ***indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa***, ir-rigress demokratiku, ***l-erożjoni tal-istat tad-dritt,*** l-ispazju ***dejjem jiċkien għas-***soċjetà ċivili, ***u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu***; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm ***dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)***; itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id- | 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament ***li jipproteġu u jippromwovu*** l-valuri ***tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob finanzjament suffiċjenti*** għal-linji baġitarji rilevanti sabiex ***jitrawmu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, jiġi evitat*** ir-rigress demokratiku, ***u polarizzazzjoni eċċessiva tas-soċjetajiet tagħna, jissaħħu l-governanza tajba u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għal*** spazju ***ċivili vibranti, u jippromwovu d-demokrazija parteċipattiva; jitlob li jiġu żgurati biżżejjed fondi tal-UE għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), u b'mod partikolari l-fergħa Valuri tal-Unjoni tiegħu, li tipprovdi finanzjament dirett lill-organizzazzjonijiet tas-***soċjetà ċivili ***li*** |

diskriminazzjoni kontra n-nisa;

***jaħdmu f'dan il-qasam fil-livelli lokali, nazzjonali u tal-Unjoni***; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet; itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; ***jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-proċeduri ta' sejħa għall-offerti fil-programm CERV trasparenti, faċli għall-utent u biex tevita l-burokrazija għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll biex tiggarantixxi l-flessibbiltà fil-proċess ta' għoti mill-ġdid lill-organizzazzjonijiet lokali u tal-bażi mill-operaturi fl-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament jasal għand dawk li jaħdmu l-eqreb taċ-ċittadin u li jkun jista' jiġi ridirett biex jindirizza ħtiġijiet urġenti fejn ikun iġġustifikat;***

Or. en

**Emenda 132**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet | 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri ***b'mod partikolari fil-kuntest ta' politika dejjem tikber ta' mibegħda u estremiżmu tal-lemin fl-Ewropa li jirriskja li jdgħajjef id-demokrazija Ewropea;***; ***ifakkar fl-importanza li għandu l-baġit tal-UE fil-promozzjoni tal-valuri, il-kultura u d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej u fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, u fl-appoġġ tal-*** |



Magħquda fid-diversità

| | |
|---|---|
| tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; | ***prinċipji ewlenin tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, is-solidarjetà, l-inklużività, il-ġustizzja, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u ***drittijiet u*** organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; |

Or. en

**Emenda 133**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu;*** jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l- | 19. Jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; |

Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ***u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa***, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa;

Or. en

**Emenda 134**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; | 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u ***l-vjolenza kontra t-tfal u*** għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri ***u drittijiet u*** organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa***, il-komunità LGBTQI+ u gruppi emarġinati***; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 135**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; ***jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-***programm ***dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra*** l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ***u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra*** n-nisa; | 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri ***sabiex jinbnew soċjetajiet reżiljenti fi żminijiet ta' turbulenza***; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni***, iż-żieda fl-estremiżmu politiku***, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; ***jisħaq fuq l-importanza li jiżdied il-finanzjament għall-***programm ***CERV, b'mod partikolari l-finanzjament għall-proġetti dwar l-istat tad-dritt u d-demokrazija, il-libertà tal-midja u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra*** l-vjolenza abbażi tas-sess ***tal-programm Daphne; jappella b'mod partikolari għal żieda fil-finanzjament*** għan-nisa ***li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, li huma f'riskju sinifikanti ta' vjolenza***; |

Or. en

**Emenda 136**
**Fabienne Keller, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Moritz Körner, Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, | 19. Jissottolinja l-valur miżjud tal-programmi ta' finanzjament fl-oqsma tad-demokrazija u d-drittijiet u l-valuri; jixtieq jara l-linji baġitarji rilevanti msaħħa sabiex jiġu indirizzati l-polarizzazzjoni, il-fiduċja istituzzjonali baxxa, ir-rigress demokratiku, |

| | |
|---|---|
| l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri ***u*** organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; | l-erożjoni tal-istat tad-dritt, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, u l-istrumentalizzazzjoni tal-ewroxettiċiżmu; jenfasizza l-ħidma siewja mwettqa taħt il-fergħat Daphne u Ugwaljanza u Drittijiet tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); itenni li r-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu ddedikati għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-appoġġ tal-aċċess għal ***drittijiet*** tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri ***u*** servizzi tas-saħħa**,** organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll inizjattivi tal-UE li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; |

Or. en

**Emenda 137**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokazzjoni tal-baġit lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO) fi ħdan il-programmi eżistenti, speċjalment dawk li jittrattaw is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), inkluż il-forniment u l-iffaċilitar tal-aċċess għal abort sikur u legali u dawk li jaħdmu fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi;*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler, Monika Hohlmeier, Niclas Herbst**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament tal-UE għall-protezzjoni taċ-ċittadini, il-komunitajiet reliġjużi u l-ispazji pubbliċi kontra t-theddid terroristiku, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-kontenut terroristiku online, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u l-antisemitiżmu li qed jiżdied;*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-libertà ***ġurnalistika*** permezz ta' riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; | 20. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu salvagwardjati u jissaħħu ***l***-libertà ***tal-istampa u l-indipendenza tal-ġurnalisti u li jiġu appoġġjati ġurnalisti u membri tas-soċjetà ċivili li jiffaċċjaw azzjonijiet ta' ritaljazzjoni, bħal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs),*** permezz ta' riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; |

Or. en

**Emenda 140**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-libertà ġurnalistika permezz ta' riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; | 20. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu ***l-pluraliżmu tal-media u*** l-libertà ġurnalistika permezz ta' riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti***; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament għall-programm Ewropa Kreattiva, li għandu rwol vitali fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku fost l-oħrajn***; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; |

Or. en

**Emenda 141**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-libertà ġurnalistika permezz ta' riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; | 20. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-libertà ġurnalistika ***inkluż billi tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tat-TFUE u leġiżlazzjoni rilevanti u*** riżorsi adegwati, skont ir-regolamenti rilevanti; jappella għal appoġġ adegwat għas-settur kulturali, inkluż għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' films, mużika u logħob vidjo Ewropej; |

Or. en

**Emenda 142**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jisħaq b'mod partikolari li l-konformità mal-istat tad-dritt u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità hija prerekwiżit fundamentali għall-aċċess għall-fondi tal-UE; itenni li kwistjonijiet sistemiċi mal-istat tad-dritt, bħall-ksur tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat jew tentattivi reċenti f'xi Stati Membri biex jattakkaw l-indipendenza tal-ġudikatura, permezz ta' leġiżlazzjoni adottata huma riskji ċari għall-interessi finanzjarji tal-UE u l-protezzjoni tal-Baġit tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u tieħu l-azzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fil-qafas tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità jekk dan il-ksur jippersisti;*** |

Or. en

**Emenda 143**
**Eero Heinäluoma**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Minħabba l-importanza ta' settur finanzjarju b'saħħtu, inklużiv u reżiljenti, li jista' jikkontribwixxi għat-tlestija tal-aġenda diġitali u tas-sostenibbiltà tal-UE, huwa tal-akbar importanza li r-riżorsi għall-awtoritajiet u l-aġenziji superviżorji finanzjarji Ewropej, b'mandat b'kompiti superviżorji jew l-elaborazzjoni ta' standards regolatorji tekniċi f'dan ir-rigward, jiġu aġġustati bis-sħiħ biex iqisu l-kompiti regolatorji ġodda kollha li jinvolvu t-tlestija ta' dawn l-għanijiet ta' politika; jissottolinja li sorveljanza*** |

***adegwata tal-UE hija meħtieġa biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jaħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-konsumaturi;***

Or. en

**Emenda 144**
**Monika Hohlmeier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jenfasizza t-theddid u l-perikli li dejjem qed jiżdiedu tad-diżinformazzjoni u l-kampanji ta' aħbarijiet foloz organizzati u mmirati lejn l-Unjoni Ewropea minn partijiet ikkonċernati barranin; jitlob riżorsi addizzjonali għal Orizzont Ewropa u attivitajiet taħt il-ġestjoni tal-Kummissjoni u s-SEAE biex jiġġieldu t-tixrid tad-diżinformazzjoni fuq skala kbira u jiżviluppaw kontromiżuri aktar effettivi; jistieden kemm lill-Unjoni kif ukoll lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi tal-UE għal attivitajiet iddedikati biex iżidu l-litteriżmu medjatiku fost iċ-ċittadini;*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar dewmien kontinwu u sottoimplimentazzjoni fil-proġetti ITER li ripetutament qed iħallu impatt fuq il-*** |


Magħquda fid-diversità

***proċedura baġitarja annwali minħabba nuqqas ta' ċarezza dwar il-ħtiġijiet finanzjarji reali tal-proġett u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-proġett; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-awtorità baġitarja dwar il-linja bażi l-ġdida tal-proġetti ITER meta tiġi ppreżentata u tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'informazzjoni ċara dwar l-impatti tal-ħtiġijiet finanzjarji għall-proġetti ITER bħala parti mill-estimi tagħha tal-baġit 2025;***

Or. en

**Emenda 146**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20b. Jenfasizza l-importanza tal-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u r-rwol pożittiv tiegħu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kif ukoll l-objettiv strateġiku tal-immodernizzar tal-ekonomija Ewropea; jitlob finanzjament ambizzjuż għall-programm CEF b'enfasi partikolari għat-trasport CEF;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20c. Jissottolinja l-importanza strateġika tal-investiment tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-programm Orizzont Ewropa, bil-għan li tiġi mmodernizzata l-ekonomija Ewropea, jiġu appoġġjati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tingħata spinta lill-kompetittività globali tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' finanzjament ambizzjuż għall-programm Orizzont Ewropa, sabiex jiġi żgurat impatt ottimu fuq il-kapaċità tal-UE li tindirizza sfidi tas-soċjetà urġenti bħat-tibdil fil-klima, l-ilħuq ta' ekonomija newtrali għall-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, it-tmexxija strateġika tal-UE, u li jintefaq għall-benefiċċju taċ-ċittadini u s-soċjetà; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi mmirat b'mod partikolari l-infiq tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa għal teknoloġiji, prodotti u negozji innovattivi responsabbli u soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi kif ukoll li ssir enfasi fuq il-komponent klimatiku, tal-bijodiversità u diġitali ta' Orizzont Ewropa; jemmen fl-importanza strateġika li tissaħħaħ ir-riċerka spazjali kif ukoll il-Liġi Spazjali futura tal-Unjoni Ewropea u jinnota l-ħtieġa li tiġi appoġġjata finanzjarjament l-implimentazzjoni tagħha meta jitqies ukoll il-ħolqien possibbli ta' korp xjentifiku biex jimmonitorja u jirrapporta dwar Fenomeni Anomali Mhux Identifikati;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex ***jitnaqqas*** id-distakk diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; | 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex ***jinvestu aktar fit-titjib tal-litteriżmu diġitali fis-soċjetà u l-għeluq tad-***distakk diġitali***, inkluża d-differenza diġitali bejn il-ġeneri,*** fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; |

Or. en

**Emenda 149**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u ***biex*** jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u ***l-***Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti***, u*** ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, | 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward ***kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali***; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA***, l-ikkowdjar*** u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit |

speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ***ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jitnaqqas id-distakk diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja;***

tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura;

Or. en

**Emenda 150**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jitnaqqas id-***distakk*** diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; | 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku ***u nondiskriminatorju*** tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jitnaqqas ***id-diviżjoni*** diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; |

Or. en

**Emenda 151**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jitnaqqas id-distakk diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; | 21. Isostni li t-tranżizzjoni diġitali toffri għadd ta' opportunitajiet ***u l-isfidi*** biex jittejbu l-infrastruttura u l-konnettività diġitali u biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali; jindika l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Diġitali) f'dan ir-rigward; itenni l-ħtieġa ta' programm ta' edukazzjoni dwar l-IA u r-robotika mfassal għall-għalliema u l-istudenti, u ffinanzjat permezz ta' Erasmus+, DEP u FNE-Diġitali; jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jappoġġja b'mod adegwat l-użu etiku tal-IA, speċjalment fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura; ifakkar fil-ħtieġa ta' programmi ffinanzjati mill-UE biex jitnaqqas id-distakk diġitali fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; |

Or. en

**Emenda 152**
**Francisco Guerreiro**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l- | 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima ***b'mod urġenti*** billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità***; jistieden lill-Kummissjoni żżid b'mod speċifiku l-livell tal-persunal tad-DĠ għall-Ambjent u d-DĠ Azzjoni Klimatika, li jrid jikkorrispondi għall-ammont ta' xogħol li jirriżulta mill-aġenda tal-Patt Ekoloġiku tal-UE***; jissottolinja r-rwol ċentrali li |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità; | għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità ***skont il-Ftehim ta' Kunming-Montreal***; ***jinsab imħasseb ħafna bl-impatti serji tat-tibdil fil-klima inkluż fil-forma ta' skarsezza tal-ilma f'xi reġjuni tal-UE inkluża l-peniżola Iberika u jitlob aktar riżorsi għal proġetti ta' adattament għall-klima f'din id-direzzjoni; jitlob żieda kemm fir-riżorsi finanzjarji kif ukoll personali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti tagħha marbuta mal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u relatati maż-żieda sostanzjali fl-ammont ta' xogħol relatat mal-monitoraġġ tal-għanijiet tal-Unjoni, fost l-oħrajn, għan-newtralità klimatika, għall-ekonomija ċirkolari u għar-restawr tan-natura;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Eero Heinäluoma**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l- | 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari ***b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju*** u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil- |


Magħquda fid-diversità

għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità;

Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet ***u materjali bbażati fuq il-fossili***, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari ***b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju***, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità; ***jisħaq li sabiex jitħaffef il-progress lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx emissjonijiet ta' karbonju u biex tiġi mmodernizzata u msaħħa l-bażi industrijali tal-UE, il-materja prima bbażata fuq il-fossili jeħtieġ li tiġi sostitwita b'riżorsi sostenibbli u rinnovabbli, bħal materjali b'bażi bijoloġika sostenibbli; jitlob riżorsi adegwati biex jintlaħaq dan l-għan;***

Or. en

**Emenda 154**
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ***ċentrali*** tal-baġit fit-***twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u*** fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali ***li għandu*** l-programm LIFE ***biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u*** | 22. Jissottolinja r-rwol tal-baġit fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali ***tal-***programm LIFE; |

***titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità***;

Or. en

**Emenda 155**
**Vlad Gheorghe**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità; | 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità; ***itenni t-talba tiegħu biex ikompli jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE fi kwistjonijiet ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-klima billi jiġi introdott Prosekutur Ekoloġiku tal-UE permezz tal-estensjoni tal-kompetenzi tal-UPPE;*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-***għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni***, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha***, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità***; | 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità ***filwaqt li tġi salvagwardjata l-kompetittività u jinħolqu impjiegi ħodor kif ukoll it-tkabbir fl-UE;***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tat-teknoloġiji kollha disponibbli b'livell baxx ta' karbonju u mingħajr karbonju biex jitnaqqsu l-gassijiet serra***; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex tintlaħaq ***it-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa***, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha; |

Or. en

**Emenda 157**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, skont il-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu | 22. Jissottolinja r-rwol ċentrali tal-baġit ***tal-UE*** fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tinħoloq ekonomija ċirkolari u tiġi ppreservata l-bijodiversità; jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-programm LIFE biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-2050***, |

appoġġjati miżuri ta’ mitigazzjoni tal-klima u ta’ adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa’ lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità;

skont ***il-Liġi tal-UE dwar il-Klima u*** l-Ftehim ta’ Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta’ mitigazzjoni tal-klima u ta’ adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet, jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa’ lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità;

Or. en

**Emenda 158**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jenfasizza l-importanza li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni f’setturi ewlenin; jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni għal STEP iżda jindika l-ħtieġa għal tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta’ investiment tal-industriji tagħha li tagħmilha aktar faċli li jiġu identifikati, żviluppati u mkabbra teknoloġiji innovattivi; jiddispjaċih għall-fatt li l-livell eżistenti ta’ finanzjament ta’ Orizzont Ewropa mhuwiex biżżejjed biex jiġu żviluppati l-ideat u t-teknoloġiji meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jew biex jintlaħaq l-għan ta’ awtonomija strateġika miftuħa; jitlob li jingħata aktar finanzjament lill-programmi ewlenin tal-Unjoni f’dan il-qasam bħal InvestEU u Orizzont Ewropa; jenfasizza li t-tħaffif tal-aċċess għall-finanzi u t-tisħiħ tal-innovazzjoni huma kruċjali għal ekonomija reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Dimitrios Papadimoulis**


Magħquda fid-diversità

f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħidma kontinwa biex jintlaħqu l-miri tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità għall-infiq tal-baġit tal-UE stabbiliti fil-FII; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li tqis b'mod regolari l-progress tal-isforzi tal-integrazzjoni tal-klima u teżamina jekk il-miri jkunux intlaħqu jew ikunux fit-triq it-tajba; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa meta jkun meħtieġ; jissottolinja li jridu jsiru aktar sforzi fi ħdan il-baġit tal-UE għall-2025 biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-infiq għall-bijodiversità stabbiliti għas-snin 2026 u 2027;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jitlob li jiżdied il-baġit tad-difiża aggregat biex jilħaq 2 % tal-PDG; jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ l-industrija tad-difiża billi ssir spinta għal investimenti fil-livell tal-UE, li huma aktar effiċjenti u jistgħu jibbenefikaw minn sinerġiji; jitlob li jkun hemm fond permanenti biex jinvesti fuq l-akkwist komuni ta' kapaċitajiet militari;*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jissottolinja li t-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, u t-tranżizzjoni li għaddejja tal-UE għan-newtralità klimatika jfissru li l-kwistjoni tal-faqar enerġetiku se tkun waħda kruċjali fix-xhur u s-snin li ġejjin; jisħaq li t-tnaqqis tal-faqar enerġetiku jeħtieġ investimenti Ewropej u nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Andrzej Halicki, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-ambjent tas-sigurtà madwar l-UE għadu volatili ħafna; jenfasizza li l-kuntest ġeopolitiku mibdul juri l-ħtieġa li navvanzaw lejn Unjoni ta' difiża ġenwina u li tiżdied is-sigurtà taċ-ċittadini tagħna, inkluża ċ-ċiberdifiża; jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-effetti ta' sinerġija li jirriżultaw minn kooperazzjoni u koordinazzjoni akbar madwar id-difiża; jappella għall-ħolqien ta' pjan direzzjonali li jiddeskrivi passi prattiċi lejn l-istabbiliment tal-Unjoni tad-Difiża u jitlob li jiġi stabbilit Kummissarju għad-Difiża; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi adegwati għall-innovazzjoni, li jintlaħqu l-ħtiġijiet*** |


Magħquda fid-diversità

***militari tal-UE u li jissaħħu l-kapaċitajiet militari eżistenti tal-Istati Membri; jisħaq fuq il-potenzjal ta' akkwist militari konġunt u ta' proġetti konġunti ta' difiża, b'mod partikolari dwar il-mobbiltà militari;***

Or. en

**Emenda 163**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jappoġġja bil-qawwa r-rwol ewlieni tal-politika ta' koeżjoni fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u fit-tisħiħ tal-ekonomija tal-UE billi tikkontribwixxi għal tkabbir u żvilupp ġusti, inklużivi u sostenibbli, tippromwovi l-konverġenza ekonomika u soċjali bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, tappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u trawwem l-innovazzjoni u l-impjiegi; jissottolinja l-finanzjament siewi tal-politika ta' koeżjoni li qed tipprovdi għall-ħtiġijiet emerġenti, b'mod partikolari permezz tas-serje ta' inizjattivi CARE (Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa) u permezz ta' REPowerEU; jisħaq, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni mhijiex għodda ta' rispons għall-kriżijiet u għandha l-objettivi kritiċi fit-tul tagħha stess; jinsisti, għalhekk, li ma għandux ikun hemm trasferimenti lil hinn mill-politika ta' koeżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jieħu nota tal-ħtiġijiet kbar ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u ż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni u l-materja prima; jisħaq li l-finanzjament għall-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea jrid jiżdied, f'konformità mal-prijorità strateġika tal-Unjoni li ssir bidla lejn it-trasport ferrovjarju;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22c. Jisħaq li l-impenn taż-żoni urbani huwa kruċjali għat-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima; jinnota li l-gvernijiet lokali spiss ikollhom bżonn ta' għarfien, riżorsi umani, kif ukoll aċċess għal data ta' kwalità għolja meħtieġa għat-tnedija ta' azzjonijiet u biex isir progress, jemmen għalhekk li aktar finanzjament għall-bini tal-kapaċità, appoġġ tekniku u skambju tal-aħjar prattiki huma essenzjali għaż-żoni urbani biex jiżguraw l-għarfien, il-forza tax-xogħol u d-data meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 166**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22d. Itenni l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċità amministrattiva u l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali; iqis li tnaqqis fil-programmi ta' assistenza teknika jkun kontroproduttiv ħafna;*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22e. Itenni l-ħtieġa ta' aktar opportunitajiet ta' finanzjament għall-bliet biex jimplimentaw programmi fuq livell lokali; jappella biex l-Inizjattiva Urbana Ewropea tingħata baġit u kamp ta' applikazzjoni akbar ħalli tappoġġja l-implimetazzjoni tal-Aġenda Urbana fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Francisco Guerreiro, Nicolae Ştefănuță**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jenfasizza l-importanza ***ċentrali*** tal- | 23. Jenfasizza l-importanza tal-politika |

politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi ***addizzjonali u immedjati*** biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni***, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda*** tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata ***s-sostenibbiltà tas-settur u*** t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ***kundizzjonalità*** soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli;

agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi ***adegwati*** biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni ***kif ukoll it-tranżizzjoni lejn mudelli ta'*** produzzjoni ***u ta' konsum sostenibbli b'attenzjoni partikolari għall-ġestjoni tal-ilma***; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ***protezzjoni*** soċjali ***ta' livell għoli***; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; ***ifakkar li taħt il-politika agrikola komuni, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw is-sussidji għall-akbar kumpaniji u jappoġġjaw aktar lill-bdiewa żgħar u ta' daqs medju; ifakkar li l-Unjoni Ewropea tagħti kważi 30% tal-baġit tal-UE għall-politika agrikola komuni u li ħolqot qafas legali b'benefiċċji finanzjarji għal ikel tajjeb għas-saħħa, mingħajr pestiċidi u li jniġġes inqas, billi appoġġjat bil-flus lill-bdiewa kollha li jagħmlu sforzi f'din transizzjoni ekoloġika ta' benefiċċju għas-saħħa taċ-ċittadini u għall-produtturi lokali; jistieden lill-Kummissjoni tikkumpensa lil dawk li qed jagħmlu sforz biex in-nies ikunu jistgħu jieklu ikel itjeb għas-saħħa;***

Or. en

**Emenda 169**
**Andrzej Halicki, José Manuel Fernandes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati ***biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali***; jappella għal investimenti xierqa biex ***titħaffef u*** tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; | 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika Komuni tas-Sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal miżuri konkreti biex jindirizzaw il-kawżi ta' skuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE u b'mod partikolari jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; ***jappoġġja enfasi akbar fuq il-benessri mentali tal-bdiewa u*** jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli***, l-ispejjeż għoljin, il-piż burokratiku u l-akkumulazzjoni ta' restrizzjonijiet u obbligi ġodda fuq il-bdiewa tal-UE*** jirrappreżentaw sfida reali għas-settur agrikolu ***u*** jitlob biex jiġu mobilizzati riżorsi adegwati ***f'dan ir-rigward***; jappella għal investimenti xierqa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel ***aktar*** sostenibbli u affordabbli ***permezz tal-innovazzjoni u l-investiment, mingħajr ma titnaqqas il-produzzjoni agrikola Ewropea u filwaqt li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-istandards tagħna***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied il-baġit għall-programm ta' riċerka Orizzont iddedikat*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-agrikoltura;*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Bogdan Rzońca, Rafał Romanowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; | 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari ***l-bdiewa żgħażagħ; jinsab imħasseb b'mod speċjali dwar l-effetti negattivi tal-inflazzjoni rapida u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-input fuq il-bdiewa, partikolarment il-bdiewa fuq skala żgħira u*** l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; |

Or. en

**Emenda 171**
**Katalin Cseh, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Moritz Körner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; | 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; ***jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat l-agroturiżmu, li jiġu offruti sorsi ta' dħul alternattivi u li jissaħħaħ l-impenn tal-komunità rurali;*** jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ ***b'inċentivi ġodda***, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel ***aktar*** sostenibbli u affordabbli; |

Or. en

**Emenda 172**
**Eva Maria Poptcheva, Olivier Chastel, Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel ta' kwalità għolja; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; | 23. Jenfasizza l-importanza ċentrali tal-politika agrikola komuni (PAK) u l-politika komuni tas-sajd għas-sigurtà tal-ikel u awtonomija akbar tal-UE fil-***produzzjoni tal-ikel*** ta' kwalità għolja***; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investimenti li jappoġġjaw l-innovazzjoni fis-settur agrikolu sabiex tingħata spinta lil*** produzzjoni tal-ikel ***sostenibbli u effiċjenti***; jissottolinja r-rwol tal-PAK fl-iżgurar ta' introjtu sostenibbli u deċenti għall-bdiewa tal-UE, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ; jappella għal riżorsi addizzjonali u immedjati biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu mal-impatt tal-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u standards ġodda tal-produzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu megħjuna bdiewa ġodda u żgħażagħ, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur agroalimentari; jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jirrappreżentaw sfida vera għas-settur agrikolu u jappella li jiġu mobilizzati riżorsi adegwati biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kundizzjonalità soċjali; jappella għal investimenti xierqa biex titħaffef u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli u affordabbli; |

Or. en

**Emenda 173**
**José Manuel Fernandes, Karlo Ressler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jiddeplora l-apprezzament insuffiċjenti għall-kontribut tal-bdiewa lis-soċjetà u jenfasizza l-importanza ta'*** |


Magħquda fid-diversità

*aktar appoġġ mill-UE għall-agrikoltura Ewropea bħala settur strateġiku fil-qafas tal-PAK; jirrimarka li l-bdiewa jiffaċċjaw ħafna sfidi, inklużi l-inflazzjoni, il-piż amministrattiv eċċessiv, ir-regolamentazzjoni żejda, iż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi Terzi u jistenna li d-djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura jindirizza l-kwistjoni tal-finanzjament; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati aħjar l-impatti ta' għargħar, nixfa u nirien fuq il-produzzjoni agrikola, is-sigurtà tal-ikel u d-dħul tal-bdiewa; jitlob pjan Ewropew iffinanzjat b'mod adegwat għall-użu, l-użu mill-ġdid u l-ħażna u l-kondiviżjoni intelliġenti tal-ilma;*

Or. en

**Emenda 174**
**Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu sfruttati l-isforzi fl-indirizzar tal-frodi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri u għal dan il-għan jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani xierqa kemm għall-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) kif ukoll għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); ifakkar fl-importanza li l-Programm tal-Unjoni Kontra l-Frodi (UAFP) jiġi pprovdut b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jappella biex ma jiġix imminat il-bilanċ tal-politiki agrikoli tal-Istati Membri mal-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi bħall-MERCOSUR, li jmorru kontra l-interess tal-bdiewa Ewropej u joħolqu kompetizzjoni inġusta; jirrimarka li dawn l-azzjonijiet ifixklu l-progress kwalitattiv u soċjali taħt il-PAK nnifisha;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
